3. It-tielet motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ([4]) (Artikolu 7) fir-rigward tat-terminu tan-notifiki lid-database kompjuterizzata.

([1]) ĠU 2021, L 218, p. 9.
([2]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1383 tat-28 ta' Mejju 2015 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 rigward il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà marbuta mar-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali għall-appoġġ akkoppjat skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2015, L 214, p. 1).
([3]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1).
([4]) Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 30, p. 248).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2021 – Shatrov vs Il-Kunsill

(Kawża T-523/21)

(2021/C 412/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Alexander Evgenevich Shatrov (Minsk, il-Bjelorussja) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2021 L 219 I, p. 70) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/997 tal-21 ta' Ġunju 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja (ĠU 2021, L 219 I, p. 3) sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent;

— skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żball manifest ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, huwa jallega li l-Kunsill kiser l-obbligi ta' stħarriġ tiegħu billi naqas milli jipproduċi provi konkreti sabiex jiġġustifika l-validità tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista fl-atti kkontestati.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2021 – Saure vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-524/21)

(2021/C 412/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Hans-Wilhelm Saure (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Partsch, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2021 li tirrifjuta it-talba tar-rikorrent għal aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, billi tipproduċi kopji tal-komunikazzjoni kollha tal-Kummissjoni mal-kumpannija AstraZeneca plc jew mas-sussidjarji tagħha, mal-Kanċellerija Federali tal-Ġermanja jew mal-Ministeru Federali għas-Saħħa rigward il-kumpannija Astra Zeneca plc jew is-sussidjarji tagħha mill-1 ta' April 2020 u b'mod partikolari fir-rigward tal-kwantità ta' vaċċini Covid-19 offruti minn AstraZeneca plc u d-data tal-kunsinna tagħhom,

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrent għandu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kontenzjużi tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([1]). Ir-rifjut tal-Kummissjoni jikser dik id-dispożizzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li d-dritt ta' aċċess tar-rikorrenti ma huwa prekluż minn ebda raġuni għal esklużjoni skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Din ir-raġuni għal esklużjoni hija limitata *ratione temporis* u tapplika biss għal proċeduri legali u konsultazzjonijiet pendenti. Il-proċeduri pendenti fil-Belġju kontra AstraZeneca bin-numru 2021/48/C jikkonċernaw fatti li huma kompletament differenti u li kienu diġà ġew deċiżi permezz tas-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2021. Il-kundizzjonijiet għal interferenza mal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja wkoll ma humiex issodisfatti, peress li l-proċeduri kollha li jistgħu jiġu affettwati diġà ntemmu.

([1]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).